FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 10**

**Avviz. numru 793/01JR**

**Pro-Eng Limited**

**vs**

**Isaac Chetcuti f'ismu proprju, bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Grand Prix Take Away", kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` IAC Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn erbgha u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm244.90), rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti jew minn minnhom fuq apparat lilhom mibjugh u kkonsenjat, u fuq servizzi ta' installazzjoni ta' air conditioning unit, suppliti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom, skond kif jirrizulta mill-invoice li kopja tieghu hi annessa mal-avviz u mmarkata**

bhala Dok.A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 25 ta' Lulju, 2001, u interessi legali.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Semgha x-xhieda ta' Pierre Azzopardi, Direttur tas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

> Illi ghandu jigi rilevat li ghalkemm jinghad li hemm invoice esebit bhala Dok.A, dana fil-fatt qatt ma gie esebit. Pero` hemm x-xhieda ta' Pierre Azzopardi, Direttur tas-socjeta` attrici, dwar li l-ammont huwa dovut. Il-konvenuti da parti taghhom ma dehrux u lanqas ma gabu provi biex jirribattu t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u

**jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mitejn erbgha u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm244.90), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Settembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 25 ta' Lulju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nomine skond il- Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**